MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 132/2006

**Charles Sciberras u Saviour Sciberras**

**Vs**

**John Sciberras**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-27 ta' Ottubru 2007 u li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu sabiex filwaqt li tittratta l-kawza bl-urgenza, thassar u tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 59/2006PC fl-ismijiet John Sciberras vs Charles Sciberras et billi dan inhareg mhux skond il-ligi u ma jikkonkorrux l-elemneti kollha rikjesti mill-ligi ghall-hrug tieghu.

Din it-talba saret wara li l-atturi ppremettew li:-

1. Illi huma pussessuri ta’ porzjoni diviza mir-raba’ msejjah Il-Qortin ta’ Ras il-Bajjada, kuntrada ta’ Ras il-Bajjada, limiti ta’ Sannat, Ghawdex tal-kejl ta’ circa sittax-il elf tmien mija u tlieta u disghin metri kwadri (16,893mk) jew kejl verjuri u konfinanti mit-tramuntana ma’ beni ta’ Felic Sciberras u ohrajn u l-istess atturi fil-fatt jahdmu l-istess raba’.

2. Illi l-konvenut ressaq rikors nhar is-27 ta’ Settembru 2006 fejn talab il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront ta’ l-atturi f’din il-kawza halli dawn l-atturi *“jigu inibiti milli personalment, jew permezz ta’ terzi, jwettqu xi xogholijiet kwalsiasi fuq din l-art, jew jidhlu jew jippruvaw jippussessaw ruhhom minnha jew xi parti minnha”*.

3. Illi nhar l-10 ta’ Ottubru 2006 din il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut f’din il-kawza u harget l-imsemmi mandate ta’ inibizzjoni fejn din inibit lill-atturi milli jaghmlu dak hawn fuq indikat.

4. Illi l-atturi jikkontendu li ma kienx hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li tiggustifika l-hrug ta’ dan il-mandat ta’ inibizzjoni u apparti minn hekk il-hrug ta’ dan il-mandat, li minnu innifsu huwa wiehed ta’ natura kawtelatorja, qed jippregudika l-posizzjoni ta’ l-atturi b’diversi modi, fosthom il-posizzjoni taghhom f’kawza ta’ spoll imressqa minnhom kontra l-istess konvenut fl-ismijiet Charles Sciberras et vs John Sciberras (Rikors numru:- 86/2006PC) li tinsab appuntata ghal nhar it-12 ta’ Dicembru 2006.

5. Illi l-imsemmi mandate ma kellu qatt jigi milqugh billi ma jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti bil-ligi halli jinhareg mandat ta’ inibizzjoni tat-tip li hareg.

6. Illi l-konvenut ma kien se jsofri l-ebda pregudizzju irrimedjabbli jekk ma jintlaqax l-mandat u dana billi kull ma kienu qed jaghmlu l-atturi huwa li jahdmu l-imsemmija raba’ illi huma ilhom jiddetjenu ghal snin twal. Bil-fatt uniku li l-atturi kienu se jkomplu jahdmu dan ir-raba’ certament li l-konvenut ma kien se jsofri ebda pregudizzju irrimedjabbli.

7. Illi l-konvenut seta’ ipproceda kontra taghhom f’kaz li huwa qed jikkontendi li huma m’ghandhom l-ebda titolu halli jiddetjenu u jahdmu din ir-raba’ izda certament mhux permezz ta’ mandat ta’ inibizzjoni izda b’kawza halli jizgombra lill-istess atturi jekk ikun il-kaz.

Permezz ta’ risposta guramentata prezentata fil-21 ta’ Dicembru 2006, il-konvenut eccepixxa:-

1. It-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex fil-kaz odjern certament illi ma jezistux l-elementi rikjesti sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrevoka d-digriet illi bih hija ordnat il-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni impunjat b’dan ir-rikors.

2. Illi l-kontenut ta’ l-ewwel paragrafu huwa ghal kollox skorrett u addirittura qarrieqi. Il-konvenut imbaghad ghaddew biex jaghtu l-verjzoni tal-fatti kif jafuhom huma.

3. Illi l-atturi qatt ma kellhom pussess tar-raba’ de quo. Jekk kienet tezisti xi lokazzjoni da parti tal-konjugi Sciberras favur iz-zewg uliedhom, b’mod illi l-pussess kien f’idejn l-ulied, kien mistenni illi sia il-konjugi Sciberras jissenjalaw dan il-fatt fin-nota prezentata minnhom fl-atti tal-mandat ezekuttiv, u sia l-ulied jaghtu xi forma ta’ avviz lill-esponenti bl-ezistenza ta’ din l-allegata kirja u dan l-allegat pussess meta l-esponenti gew biex jezegwixxu is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Dan bla pregudizzju ghal kwsitjoni legali dwar kemm ftehim ta’ lokazzjoni minn min mhux proprjetarju u qatt ma kien proprjetarju jista’ jiswa fil-konfront tal-veru sid tar-raba.

4. Illi l-esponenti jaqbel mal-kontenut tat-tieni u t-tielet paragrafu tar-rikors guramentat. Izid ighid pero’, illi in segwitu ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, l-esponenti ipproceda, fit-termini tal-ligi b’kawza in sostenn ta’ dak il-mandat, rikors li jgib l-ismijiet John Sciberras vs Charles Sciberras (nru:- 119/2006) u l-esponenti sejjer umilment jitlob l-allegazzjoni ta’ dak ir-rikors ma’ dak odjern.

5. Illi kuntrarjament ghal dak illi jissottomettu ir-rikorrenti, l-esponenti isostni illi fil-kaz odjern il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kontra r-rikorrenti odjerni kien altru milli gustifikat. Ghalhekk ma jaqbilx mal-kontenut tar-raba, l-hames u s-sitt paragrafu tar-rikors guramentat, u lanqas is-seba' paragrafu ma huwa korrett.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha, inkluz l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Lawrence Sciberras vs Joseph Sciberras et** (Citaz numru:- 223/95) deciza fis-7 ta' Lulju 2006 kif ukoll tal-mandat ta' inibizzjoni numru 59/2006PC degretat fl-10 ta' Ottubru 2006.

Semghet it-trattazzjoni orali li saret mill-abbli difensur tal-konvenut. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-atturi fit-30 ta' Mejju 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2007 fejn jinghad li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti:-

(a) Permezz ta' sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Sciberras vs Joseph Sciberras et** (Citaz. Numru:- 223/95) deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju 2006, il-Qorti kkonfermat *in toto* sentenza moghtija fit-28 ta' Marzu 2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri u permezz ta' liema sentenza l-Qorti iddikjarat li *"l-attur*[1] *kien il-proprjetarju assolut tar-raba' in kwistjoni, kif murija b'lewn hamrani fuq il-pjanta esebiti bhala Dok. B ma' l-att tac-citazzjoni u, konsegwentement, ordnat ir-rivendika ta' l-art de quo favur l-attur, bl-ispejjez kontra l-konvenuti"* (fol. 3 tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell).

[1] Il-kawza originarjament gie intavolata minn Lawrence Sciberras pero' fil-mori saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem John Sciberras wara l-mewt ta' Lawrence Sciberras.

(b) Fil-11 ta' Lulju 2006, il-konvenut odjern dahal fl-art u ha pussess taghha.

(c) Fit-12 ta' Lulju 2006, il-konvenut pprezenta mandat ta' zgumbrament (**John Sciberras vs Joseph u Margaret konjugi Sciberras**, numru 99/2006AMT li gie akkordat fit-23 ta' Awwissu 2006). Permezz ta' dan il-mandat, il-konvenut talab li l-Qorti tordna l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament kontra Joseph u Margaret konjugi Sciberras mir-raba' *"maghrufa bhala il-Qortin ta' Ras il-Bajjada fil-kuntrada ta' Ras il-Bajada limiti ta' Sannat, Ghawdex tal-kejl ta' madwar 16893 metri kwadri (sittax-il elf tmien mija u tlieta u disghin), murija ahjar fuq il-pjanta annessa bhala Dokument A"* (fol. 23).

(d) Permezz ta' nota prezentata fit-30 ta' Awwissu 2006 a fol. 27) fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament, Joseph u Margaret konjugi Sciberras iddikjaraw:- *"….illi ai fini u effetti kollha tal-ligi huma ivvakaw mill-ghalqa jew raba' imsemmija fil-mandat u fl-imsemmija ghalqa jew raba m'hemm xejn li jappartjeni lilhom u per konsegwenza huma ottemperaw ruhhom ma' ordni kontenuta f'dan il-mandat"*.

(e) Imbaghad fis-27 ta' Settembru 2006 il-konvenut odjern pprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 59/2006) kontra l-atturi odjerni sabiex jigu inibiti milli *"jwettqu xi xogholijiet kwalsiasi fuq din l-art, jew jidhlu jew jippruvaw jippussessaw ruhhom minnha jew xi parti minnha"*[2]. Permezz ta' digriet moghti fl-10 ta' Ottubru 2006[3], il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kontra Charles u Saviour ahwa Sciberras.

(f) Sussegwentement, fit-13 ta' Ottubru 2006 il-konvenut pprezenta kawza ghall-jedd pretiz minnu fl-ismijiet **John Sciberras vs Charles Sciberras et** (rikors numru:-119/2006PC) (li ghadha pendenti), cjoe' sabiex jigi dikjarat li l-atturi odjerni m'ghandhomx titolu fuq l-art in kwistjoni.

---

[2] Fol. 18-19.
[3] Fol. 21.

2. Permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jikkontestaw il-mandat ta' inibizzjoni ghaliex fil-fehma taghhom ma kienx hemm ir-rekwiziti li huma mehtiega skond il-ligi ghall-hrug ta' dan il-mandat kawtelatorju.

3. Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12):-

*"Il-qorti ma ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet"*.

Qabel l-emendi li saru bl-Att XIV ta' 2006, Artikolu 873(1) kien jaqra:-

*"L-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor ikun li jkun, inkella, milli thott jew taghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok, jew li taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat"*.

In segwitu ta' l-emendi, Artikolu 873(1) jaqra hekk:-

*"L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat"*.

Din l-emenda dahlet fis-sehh fl-24 ta' Ottubru 2006 (Avviz Legali 254 ta' 2006), igifieri wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni li huwa l-meritu ta' din il-kawza.

4. Jidher ghalhekk car li wiehed mill-iskopijiet ta' mandat ta' inibizzjoni huwa proprju sabiex ***"jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok"***. L-elementi sabiex jinhareg mandat ta' inibizzjoni huma:-

(a) Il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent.
(b) Ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Elementi li jridu jkunu jezistu kumulattivament.

5. Fil-kaz tal-lum id-dritt tal-konvenut kien proprju li jzomm lill-atturi milli jidhlu fl-art li permezz tas-sentenza fuq imsemmija giet dikjarata li hi proprjeta' tieghu. Kif tajjeb gie osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] fil-kawza fl-ismijiet **Perit John Gambina vs Fithome Limited** deciza fit-28 ta' Jannar 2005:-

*"F'dak l-istadju l-Qorti ma tkunx qed tidhol fil-mertu tal-kontroversja bejn il-partijiet, izda tkun qed tara jekk jirrizultawx l-elementi imsemmija rikjesti mill-ligi u jekk tkun sodisfatta li hemm ragunijiet prima facie ghaliex it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha, tordna li jinhareg il-mandat. L-iskop tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni mhux li jigi deciz jekk ir-rikorrenti ghandhomx dritt jew le fil-kontroversja imma l-iskop huwa biex tinghata protezzjoni provvizorja sakemm tigi deciza definittivament il-kontroversja u b'hekk il-posizzjoni bejn il-partijiet ma tigix pregudikata irrimedjabillment. Ghalhekk il-konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti qabel tordna l-hrug tal-mandat jew tichdu, mhumiex l-istess bhal dawk li taghmel meta tkun ser taghti decizjoni finali fuq il-mertu. Il-finalita', cjoe fejn trid tasal il-Qorti hija differenti - wahda hija protezzjoni provvisjorja u l-ohra hija decizjoni finali fil-mertu. Anke l-konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti huma differenti ghax il finalita hija differenti. F'wahda tara jekk prima facie hemmx l-elementi ghal hrug tal-mandat u fl-ohra jekk ir-rikorrent ghandux ragun fil-mertu"*.

6. Mill-provi m'hemmx dubju li s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Sciberras vs Joseph Sciberras** (Citaz. Numru:- 223/1995) hija prova fiha

[4] Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia.

nnifisha li l-art *de quo* hi *prima facie* proprjeta' tal-konvenut John Sciberras. Il-Qorti rat l-atti ta' din il-kawza u ma jirrizultax li fil-kors ta' dawk il-proceduri f'xi zmien gie allegat li l-atturi odjerni kellhom xi titolu fuq l-art ghalkemm il-konvenut Joseph Sciberras kien xehed li l-art tinhadem ukoll minn uliedu. Lanqas ma jirrizulta li f'xi stadju matul dawk il-proceduri saret talba sabiex jigu msejjha fil-kawza jew li huma stess talbu li jintervjenu. Wiehed irid jiftakar ukoll li l-atturi odjerni huma wlied il-konvenut Joseph Sciberras. Minn qari ta' dawk l-atti jirrizulta li Joseph Sciberras kien qieghed jippretendi li l-art in kwistjoni hija proprjeta' tieghu bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena, tant li kien xehed fis-seduta tal-15 ta' Mejju 1997[5] u ddikjara li r-raba' kien tajhielu zijuh Wenzu Sciberras u qallu biex jahdimha.

7. Wara li l-konvenut odjern rega' ha l-pussess ta' l-art u sahansitra nhareg mandat ta' zgumbrament kontra Joseph u Margaret konjugi Sciberras, gie rinfaccjat bi pretenzjoni ta' wliedhom (**Charles Sciberras et vs John Sciberras**). F'dak l-istadju l-konvenut kellu kull interess li jiehu passi kontra l-atturi odjerni sabiex jigu mizmuma milli jaghmlu xogholijiet jew jidhlu fl-art. Wiehed jifhem li l-konvenut ma riedx li jqatta' xi hdax-il sena (il-kawza fuq imsemmija damet kwazi daqshekk) fil-Qorti minghajr it-tgawdija libera ta' hwejgu. Pregudizzju iehor hu li diment li l-art tkun fil-pussess ta' haddiehor jistghu jsiru xi xogholijiet jew il-pussess ighaddi ghand xi terz u fl-ahhar tal-gurnata l-konvenut odjern jerga' jigi rinfaccjat bi pretenzjonijiet simili ghal dawk li qeghdin jaghmlu l-atturi llum. Ghall-Qorti dan m'huwiex accettabbli u din il-Qorti diversament presjeduta kienet gustifikata meta ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Altru milli c-cirkostanzi msemmija jikkwalifikaw bhala pregudizzju ghad-drittijiet tal-konvenut u l-hrug tal-mandat kien mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tal-konvenut odjern. Il-konvenut odjern ghandu kull dritt li jipprova jevita dawn id-diffikultajiet, biex b'hekk l-interessi tieghu ikunu salvagwardati. Il-Qorti ma tistax tifhem ir-ragunament tal-atturi li fil-premessi tar-

[5] Fol. 24-35.

rikors guramentat isostnu:- *“Illi l-konvenut ma kien se jsofri l-ebda pregudizzju irrimedjabbli jekk ma jintlaqax l-mandat u dana billi kull ma kienu qed jaghmlu l-esponenti atturi huwa li jahdmu l-imsemmija raba’ illi huma ilhom jiddetjenu ghal snin twal”*. Kliem li fil-fehma ta’ din il-Qorti jikkonferma li kieku ma gietx milqugha t-talba ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni, l-atturi kienu ser jibqghu liberi li jidhlu u jaghmlu li jridu fl-art a skapitu tal-konvenut li anke fuq bazi ta’ *prima facie* jidher li huwa l-proprjetarju tal-art *de quo* u fuq bazi wkoll ta’ *prima facie* jekk tibqa’ tinhadem mill-atturi ser isofri molestja. F’dawn ic-cirkostanzi l-konvenut kellu kull jedd li jitlob l-intervent tal-Qorti sabiex jigi protett fil-jedd tieghu, u fil-fehma ta’ din il-Qorti dan ma setax isir jekk mhux bil-hrug tal-mandat. Dana juri li l-mandat hu necessarju ghall-konservazzjoni tad-dritt li l-konvenut *prima facie* jidher li ghandu li ma jhallix lil terzi li jiehdu l-pussess u li jaghmlu uzu u xoghol fi hwejgu. Inoltre, fil-fehma tal-Qorti l-argument li kieku ma nharigx il-mandat fl-ahhar tal-gurnata l-konvenut xorta jkollu d-dritt li jitlob hlas ta’ danni fl-eventwalita’ li jigi dikjarat li l-atturi m’ghandhomx titolu fuq l-art, huwa argument li facilment isir tista’ tghid f’kull kaz u jista’ jwassal lill-Qorti biex tiddisponi facilment minn talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Fil-kaz odjern, fil-fehma tal-Qorti dan m’huwiex rimedju adegwat ghad-drittijiet tal-konvenut u l-atturi lanqas ma ndikaw xi rimedju alternattiv iehor seta’ kien disponibbli ghall-konvenut. Il-Qorti taf li tezisti gurisprudenza li tghid li l-harsien li l-ligi timmira ghalih fejn si tratta ta’ talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, huwa li minghajr il-hrug tal-mandat il-jedd li jista’ jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Fil-fehma tal-Qorti din hija interpretazzjoni kemm xejn estrema u restrittiva li ma tirrizultax minn qari tal-Artikolu rilevanti (Artikolu 873 tal-Kap. 12), utista’ twassal ghal sitwazzjoni fejn huma rari hafna l-kazijiet fejn tigi milqugha talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Il-Qorti taf li mandati ta’ inibizzjoni huma mezz procedurali eccezzjonali, pero’ fil-fehma taghha kazijiet simili ghal dak odjern jimmeritaw protezzjoni bil-mizuri kawtelatorji li toffri l-ligi. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-Qorti ghandha l-jedd li tezercita id-deskrizzjoni taghha, dejjem fil-parametri li tistabilixxi l-ligi, meta tigi biex tiddecidi ghandix tilqa’ talba ghall-hrug

ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Kieku jkun mod iehor ikun ifisser li mandat ta’ inibizzjoni rarament jista’ jinhareg; ***“….mandat ta’ inibizzjoni ghandu fattispecjie specjali u hu essenzjalment mizura ta’ natura disrkezzjonali bazata fuq apprezzament tal-grad ta’ htiega relattiva fic-cirkostanzi kollha tal-kaz”*** (**Avukat Carmelo Scicluna noe vs Joseph Fenech noe** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-20 ta’ Lulju 1970). Dan apparti l-fatt li l-ligi stess (qabel giet emendata bl-Att XIV ta’ 2006) kienet tipprovdi li wiehed mill-iskopijiet ta’ mandat ta’ inibizzjoni kien proprju sabiex izomm persuna milli tidhol gewwa fond jew lok, cjoe’ dak li l-konvenut ried jaghmel meta pprezenta r-rikors fis-27 ta’ Settembru 2006 (fol. 18). Wiehed jifhem li ghalkemm it-test tal-ligi inbidel in segwitu ghall-emendi li gew introdotti bl-Att XIV, bl-emenda li saret il-legislatur ried izid id-diskrezzjoni tal-Qorti fil-hrug ta’ dan it-tip ta’ mandat. Tant hu hekk li t-test emendat jaqra li l-iskop tal-mandat huwa sabiex izzomm milli ssir **“*kwalunkwe haga li tkun li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat”*.**

8. L-atturi ghamlu riferenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Giacomo Galea vs Pio Bezzina** deciza fil-5 ta’ Awwissu 1954 u jsostnu li anke f’dik is-sentenza nghad li mandat ta’ inibizzjoni m’ghandux jinhareg jekk il-Qorti *“…..ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi mandate huwa necessarju sabiex jihtarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u cioe’ DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINECESSITA’ RIMEDJU ADEGWABLI”*. Il-Qorti ma taqbilx li f’din is-sentenza l-Qorti ta’ l-Appell ittrattat il-kwistjoni jekk il-pregudizzju jridx ikun wiehed irrimedjabbli sabiex tigi milqugha talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni. F’dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell iddikjarat l-elementi li huma necessarji ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni:-

*“Illi ghalhekk tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista’ jigi spedit il-mandat in kwistjoni; jigifieri l-ewwel, ir-rikorrenza ta’ wiehed mill-fatti fuq enmerati enuncjati mil-ligi, fil-kaz prezenti, li l-intimat, jigifieri l-appellant, qieghed jaghmel xi haga li tista’ tkun ta’*

*hsara jew molestja lir-rikorrent, jigifieri lill-appellat; imbaghad, li jkun jidher 'prima facie' li r-rikorrenti ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appellant li jaghmel dik il-haga li biha jista' jarrekalu hsara jew molestja; u, fl-ahharnett,* ***li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent****"*. Fl-ebda parti tas-sentenza ma jinghad li d-dannu jrid ikun wiehed irrimedjabbli. L-istess jinghad ghad-decizjoni fl-ismijiet **Mario Blackman vs Terence Edward Cossey**[6] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru 1964 u d-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfre** deciza fl-14 ta' Lulju 1988. Imbaghad fil-kaz **Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited** degretat fit-3 ta' April 2007 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] li ghamlet ukoll riferenza ghad-digriet moghti mill-istess Qorti fil-kaz Dragonara Casino Limited vs Dragonara Resort Limited degretat fit-3 ta' Marzu 2005[8], il-Qort osservat li l-pregudizzju ma jridx ikun wiehed *"ta' natura finanzjarja ghax bhala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi ghalih"*. Fil-kaz odjern il-pregudizzju jmur oltre minn hekk in kwantu l-attur bhala sid jippretendi li ghandu d-dritt li jgawdi u jaghmel uzu minn hwejgu liberament u minghajr ebda xkiel ta' hadd, u huwa dak id-dritt li ried jipprotegi meta talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Kien ghalhekk necessarju li jintalab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwantu li l-Qorti taqbel li dak kien l-uniku mezz li bih il-konvenut seta' jissalvagwardja l-jeddijiet tieghu fuq il-proprjeta'.

9. Fin-nota taghhom l-atturi jaghmlu sottomissjoni finali, fis-sens li f'dan il-kaz ma kienx hemm il-htiega ta' mandat ta' inibizzjoni in kwantu *"jekk l-istess atturi f'din il-kawza ghandhom xi titolu jew le jigi ivventilat f'kawza li hemm pendenti"*. Filwaqt li dan l-ilment qieghed jitressaq f'dan l-istadju tal-proceduri, jinghad ukoll li l-konvenut kellu kull jedd li jassigura ruhu li jkollu t-tgawdija pacifika u libera ta' hwejgu, liema jedd certament li jirrizulta fuq bazi ta' *prima facie* mehud ukoll in konsiderazzjoni tas-

[6] Onor. Imhallef Edoardo Magri.
[7] Onor. Imhallef L. Farrugia Sacco.
[8] Li saret riferenza ghalih fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Sciberras vs Joseph Sciberras** (Citaz. Numru:- 223/1995) u konfermata fil-Qorti ta' l-Appell. Ghaldaqstant, anke dan l-argument ma jregix.

10. Fl-ahharnett, fir-rigward tal-ewwel talba m'hemmx wisq x'jinghad in kwantu l-atturi qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex *"titratta din il-kawza bl-urgenza tenendo kont tac-cirkostanzi ta' din il-kawza hekk kif hawn fuq spjegat"*[9]. Permezz ta' digriet moghti fis-6 ta' Dicembru 2006 (fol. 9) wara rikors prezentat fis-27 ta' Ottubru 2006 sabiex il-Qorti tittratta din il-kawza b'urgenza, il-Qorti cahdet it-talba. Dan apparti l-fatt li l-kawza qeghda tigi deciza llum fil-meritu. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba in kwantu m'ghadx hemm skop ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tar-rikors guramentat ghar-raguni fuq moghtija.

(2) Tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u konsegwentement tichad it-tieni talba tal-atturi.

Spejjez a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Fol. 3.